## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2021**

**Talba Nru: 332/2020PM1**

**Apa Import & Export Limited (C66836)**

**Vs**

**HSJ Limited (C80817)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sbatax (17) ta' Dicembru, 2020 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' €3585.95 rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta` konvenuta u servizzi ohra ancillari u dana oltre l-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Ra l-iStatement anness mal-avviz tat-talba u ezebiti in atti minn fol. 3 sa fol. 4 tal-process.

Ra li s-socjeta` konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tat-12 ta’ Frar, 2021 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-12 ta’ Frar, 2021 u fil-fatt is-socjeta konvenuta ma deheritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-i*statement* relattiv ezebiti in atti. Tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet huma socjetajiet kummercjali l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru, kif mitlub, mid-dati tal-fatturi rispettivi a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili**.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ tlett elf, hames mija u hamsa u tmenin euro u hamsa u disghin centezmi (€3,585.95) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta` konvenuta u servizzi ohra ancillari bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali dekorribbli mid-data ta’ kull fattura kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**